MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 227/2011

**Il-Pulizija
Vs
Manuel Bartolo**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Billi fuq talba tal-Kummissarju tat-taxxi interni akkuzat talli bhala direttur tal-kumpanija Valletta Audio Vision Limited (C21013) ghas-snin 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 b' diversi atti maghumlin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skond id-dispozizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Mejju, 2011 fejn Il-Qorti laqat l-eccezzjoni sollevata mill-imputat u ddikjarat l-azzjoni fil-konfront ta’ l-imputat bhala preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-23 ta’ Mejju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u minflok ssib lill-appellat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi fit-12 ta’ Mejju, 2011 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi.

Illi l-esponent Avukat Generali intavola dan l-appell a bazi ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 413 (1)(b)(iv) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghalkemm huwa inkontestat u perfettament minnu illi l-appellat irrezenja minn direttur tas-socjeta de quo fit-18 ta’ Frar, 2002 u l-proceduri odjerni fil-konfront tieghu nbdew f’ Marzu, 2011, dan bl-ebda mod ma jrendi tali proceduri preskritti!

Dan ghaliex hawnhekk si tratt ta’ reat permanenti u ghaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati applikat l-Artikolu 688 (e) b’mod zbaljat u dan ghaliex fil-kaz ta’ reati permanenti bhal fil-kaz odjern, se mai kellu japplika l-Artikolu 691(1) tal-Kap 9, li jghid espressament illi ghar-reati permanenti, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

Illi inoltre l-proviso tal-Artikolu 23(12) ta' Kap 372 jispecifika li z-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandu qatt jibda ghaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu, filwaqt li l-proviso tal-Artikolu 23(13) jipprovdi li r-reat jibqa` jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun ikkonforma ma u hares id-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu jew ta' kull regola imsemmija fih.

Issa huwa car u manifest, u rikonoxxut fis-sentenza innifisha, illi "l-istat antiguridiku ghadu ma giex rimedjat ghaliex jidher li d-denunzji in kwistjoni (bil-hlas rispettiv) ghadhom ma gewx prezentati sa' llum".

Illi kwindi dan essenzjalment ifisser li l-perjodu preskrittiv ghadu lanqas biss beda jiddekorri, u dan kif gie imfisser fis-sentenza l-ismijiet "Il-Pulizija vs Avukat Dottor Albert Ganado" fejn il-Qorti rriteniet illi *"Il-perjodu tal-preskrizzjoni jista' jibda biss meta tittermina l-vjolazzjoni, u* ***ghalhekk f'kaz ta' reat permanenti ma hemmx preskrizzjoni"***

Illi ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost, l-esponent hu tal-fehma li l-Qorti tal-Magistrati ma setghatx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni minnha milhuqa, u dan stante li hawn si tratta ta' reat permanenti, li l-istat antiguridiku ghadu ma giex rimedjat, u li kwindi r-reati adebitati lill-appellat ghadhom jezistu u jibqghu jezistu sakemm l-istess appellat ikun ikkonforma ruhu mal-ligi. Fil-fatt, ghall-perjodu li fih l-appellat okkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta` Valletta Audio Vision Limited u cioe` sat-18 ta' Frar, 2002 huwa kien u ghadu l-persuna responsabbli biex jibghat id-denunzji, bil-hlas rispettiv. Sakemm jaghmel dan, il-perjodu preskrittiv lanqas biss jibda` jiddekorri.

Ikkunsidrat,

L-Avukat Generali qieghed jilmenta illi minkejja li l-appellat irrizenja minn direttur tas-socjeta` fit-18 ta' Frar, 2002 u dawn il-proceduri bdew f'Marzu 2011 dan bl-ebda mod ma jirrendi tali proceduri preskritti. Dana l-ghaliex ir-reat huwa wiehed permanenti li l-istat anti-guridiku tieghu

ghadu ma giex irrimedjat u li kwindi r-reati addebitati lill-appellat ghadhom jezistu u jibqghu jezistu sakemm l-appellat ikun ikkonforma ruhu mal-Ligi.

Ikkunsidrat

Dan l-argument ta’ l-Avukat Generali huwa legalment korrett.

Il-proviso tal-artikolu 23 (12) tal-Kap. 372 jitkellem car u jispecifika li z-zmien tal-preskrizzjoni m’ghandu qatt jibqa` ghaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-disposizzjonijiet tal-istess artikoli. Kwindi Direttur fil-kariga jibqa` responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal dawk is-snin kollha li jkun naqas milli jibghat ir-“returns” u d-dokumenti li l-istess Kummissarju u r-reat komtemplat fil-Kap. 372 ghandhom jitqiesu bhala ta’ natura permanenti u jibqghu hekk sakemm id-direttur jew il-persuna koncernata tottempra ruhha mal-Ligi u tibghat l-informazzjoni rikjesta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni (Il-Pulizija vs Joseph Mary Debono App. Krim. 9-12-2011).

Ma hemmx dubju kwindi li r-reati illi taghhom l-appellat huwa addebitat mhumiex preskritti u sabiex ma jitlifx il-beneficcju tad-doppju ezami jkun opportun illi l-Qorti tibghat l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kaz jerga` jinstema mill-gdid.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tilqa` l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta’ Mejju, 2011 u tordna illi l-atti jigu rimessi lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawza tigi trattata w deciza mill-gdid.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------